MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 1427/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-2 ta' Mejju 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok "JS1", u minn dan iz-zwieg twieled tifel, Jan li llum ghandu tliet (3) snin;

Illi l-konvenut saret hatja kontra l-attur zewgha ta' adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija u offizi

gravi u peress illi ghalhekk giet reza’ mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 2422/02 (anness u mmarkat bhala Dok “JS2”);

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Saliba minhabba adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija u offizi gravi li l-istess konvenuta kkommettiet kontra zewgha;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jan f’idejn l-attur;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment u l-edukazzjoni ta’ l-iben minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-konvenuta;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ta’ manteniment;

5. Ixxolji l-kumunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

6. Tillikwida l-assi parafernali ta’ l-attur u tassenja l-istess assi lill-attur;

7. Tiddikjara li l-attur ghandu d-dritt li jirrisjedi flimkien ma’ ibnu minuri fid-dar konjugali u cjoe’ fil-fond numru 55, Triq Santa Rita, Sliema;

8. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attur fis-6 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti pprefiggietlu terminu ta’ sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-5 ta’ Frar 2003 a fol. 16 fejn gie eccepit:-

Illi bosta mit-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni bejnha u bejn zewgha *stante* illi z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabbilment;

2. Illi mhux minnu li l-esponenti rrendiet ruhha hatja ta’ dak li qieghed jallega l-attur, u cjoe’ ta’ adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija u offizi gravi;

3. Illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti hija mputabbli lill-attur senjatament minhabba adulterju, abbandun, eccessi, offizi gravi u mohqrija ta’ attur versu l-esponenti, in partikolari mohqrija psikologika u vjolenza fizika;

4. Illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri ghandha tkun fdata esklussivament f’idejn l-esponenti;

5. Illi l-attur u mhux l-esponent ghandu jigi kkundannat ihallas soma adekwata ghall-manteniment u edukazzjoni ta’ ibnu minuri;

6. Illi l-esponenti ma ddekadietx mid-dritt taghha ghall-manteniment;

7. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn l-attur ghandha tigi xolta u li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta skond il-haqq;

8. Illi l-esponenti taqbel illi l-assi parafernali ta' l-attur jigu assenjati lilu filwaqt illi l-assi parafernali taghha ghandhom jigu assenjati lilha;

9. Illi l-esponenti ghandha tinghata d-dritt tirrisjedi flimkien ma' binha minuri fid-dar matrimonjali, f'numru 55, Triq Santa Rita, Sliema ad eskluzjoni ta' l-attur;

10. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-fakulta' li taghmel **kontro-talba** kontra l-attur u ghalhekk qeghda, kontestwalment, tipprezenta l-istess kontro-talba.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** a fol. 19 u 20 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti u l-attur rikonvenzjonat izzewgu fit-2 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel, Jan, li ghandu tliet snin u li qieghed jghix mal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Illi l-attur rikonvenzjonat irrenda ruhu hati versu l-konvenuta rikonvenzjonanti ta' adulterju, abbandun, eccessi, offizi gravi u mohqrija versu l-esponenti, in partikolari mohqrija psikologika u vjolenza fizika b'mod illi kisser iz-zwieg tieghu mal-konvenuta;

Ill l-hajja matrimonjali u l-konvivenza tal-kontendenti m'ghadhomx aktar possibbli.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonanti talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat A;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jan f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanti;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment u edukazzjoni xierqa ta' l-iben minuri u tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallasha lill-konvenuta rikonvenzjonanti;

4. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-konvenuta rikonvenzjonanti u tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallasha lill-konvenuta rikonvenzjonanti;

5. Tiddikjara u tordna c-cessjoni u l-likwidazzjoni tal-kumunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attur rikonvenzjonat u parti lill-konvenuta rikonvenzjonanti skond il-haqq;

6. Tillikwida l-beni parafernali kollha tal-partijiet u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenzjonanti l-beni parafernali kollha taghha;

7. Tordna illi l-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha d-dritt tirrisjedi flimkien ma' binha minuri fid-dar matrimonjali, f'numru 55, Triq Santa Rita, Sliema, ad eskluzjoni ta' l-attur;

8. Tapplika fil-konfront ta' l-attur rikonvenzjonat l-effetti kollha ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan fejn applikabbli;

9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha;

10. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 25 ta’ Frar 2003 fejn talab li l-Qorti tawtorizza l-bejgh ta’ garaxx parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti biex il-qliegh jaghmel tajjeb ghall-*loan* u *overdraft* li kellhom jaghmlu.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-5 ta’ Marzu 2003 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-6 ta’ Marzu 2003 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat tas-7 ta’ Marzu 2003 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita’ fil-forma tal-kontro-talba *stante* li ma gietx uzata l-forma solitament uzata;

2. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta rikonvenzjonanti B *stante* li hija rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija, u offizi gravi kontra l-attur rikonvenzjonat kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-mori tal-kawza;

3. Illi mhux fl-ahjar interess tal-minuri Jan li huwa jigi fdat fil-kura u l-kustodja tal-konvenuta rikonvenzjonanti kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta’ din il-kawza u ghaldaqstant l-attur rikonvenzjonat, minghajr pregudizzju ghat-talbiet l-

ohra kollha fic-citazzjoni tieghu, izomm ferm it-talba tieghu sabiex tigi fdata lilu l-kura u l-kustofja tal-minuri Jan;

4. Illi t-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ma tistax tigi milqugha ladarba l-kura u l-kustodja tal-minuri ma tigix fdata lill-konvenuta rikonvenzjonanti anzi l-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tigi kkundannata thallas manteniment ghall-minuri lill-attur rikonvenzjonat;

5. Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti tilfet id-dritt ghall-manteniment ghaliha *stante* li kif gja' gie eccepit hija hatja ta' adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija u offizi gravi kontra l-attur rikonvenzjonat kif ukoll *stante* li hi ghandha ntrojtu hafna aktar oghla minn dak ta' l-attur rikonvenzjonat;

6. Illi hemm qbil li din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur rikonvenzjonat u l-ohra lill-konvenuta rikonvenzjonanti;

7. Illi s-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ma tistax tigi milqugha *stante* li l-attur rikonvenzjonat mhux fil-pussess ta' beni parafenali tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

8. Illi s-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant jintalab li din tigi michuda *stante* li kienet l-istess konvenuta li volontarjament abbandunat id-dar matrimonjali li hija proprjeta' parafernali ta' l-attur rikonvenzjonat. L-attur rikonvenzjonat ghandu jkollu d-dritt li jirrisjedi hu fil-proprjeta' tieghu flimkien ma' ibnu minuri Jan;

9. Illi fir-rigward tat-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti din ghandha tigi michuda fil-konfront ta' l-attur rikonvenzjonat *stante* li ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti, anzi l-effetti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti *stante* li z-zwieg koncernat tkisser unikament tort taghha;

10. Illi m'hemmx oggezzjoni ghad-disa' u l-ghaxar talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda ta' l-attur rikonvenzjonat a fol. 40 u 41 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 2003 fejn inghata digriet nota guramentata u l-Qorti filwaqt li estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici b'erbghin gurnata ohra. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex wara tali terminu jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici.

Rat ir-rikors ta' l-attur A datat 27 ta' Marzu 2003 fejn talab li fl-ahjar interess tal-minuri jigi varjat id-digriet tas-Sekond' Awla billi jizdied il-hin ta' l-access li jkollu ma' ibnu Jan, kif ukoll li jigi provdut bi granet li fihom l-istess Jan ikun jista' jorqod fid-dar mieghu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-22 t'April 2003 fejn qabel xejn ordnat lill-partijiet sabiex permezz ta' nota fi zmien erbat ijiem jindikaw il-pretensjonijiet taghhom dwar l-istess access.

Rat in-noti tal-partijiet, ir-risposta tal-konvenuta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 ta' Mejju 2003 fejn cahdet it-talba ta' l-attur *stante* li jidher li f'dak l-istadju l-access mieghu kien sufficjenti.

Rat ir-rikors ta' l-attur tad-29 t'April 2003 fejn talab lill-Qorti takkordalu aktar zmien sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Mejju 2003 fejn filwaqt li ordnatlu jipprezenta n-nota guramentata kif mitlub fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2003, laqghat it-talba u estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits b'ghoxrin gurnata ohra b'dan li jsiru wkoll iz-zewg seduti ordnati quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti ta’ l-attur wahda tad-29 t’April 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu u t’ommu Aine Saliba, u l-ohra datata 7 ta’ Mejju 2003 fejn biha nforma lill-Qorti dwar l-introjtu tieghu u ta’ martu.

Rat in-nota tal-konvenuta rikonvenzjonanti datata 9 ta’ Mejju 2003 fejn tat il-verzjoni taghha dwar l-istess introjti rispettivi tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-23 ta’ Mejju 2003 li biha pprezenta kontinwazzjoni ta’ l-affidavit tieghu, ta’ hutu Carmen Camilleri u Marita Schembri.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Gunju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta, u l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat izomm erba’ seduti ghall-konkluzjoni tal-provi fil-mori tad-differiment.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tas-26 t’Awissu 2003 fejn talab li l-konvenuta tigi ordnata timla l-formoli ta’ l-iskola St. Michael Junior School u thallas il-mizata dovuta sabiex il-minuri ma jitlifx postu, jew fin-nuqqas jigi awtorizzat huwa stess sabiex jaghmel dan bil-kundizzjoni li l-ammont li jhallas ghall-mizata jigi mnaqqas mill-manteniment dovut lil martu.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 29 t’Awissu 2003 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-1 ta’ Settembru 2003 fejn laqat it-talba limitatament ghall-ewwel talba, mentri fir-rigward tal-hlas tal-mizata dan l-ammont ghandu jithallas nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 10 ta’ Settembru 2003 fejn talab li jigi onorat l-obbligu li jinghata access ghal ibnu skond il-granet iffissati mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond’ Awla, u illi tigi nominata *social worker* jew persuna ohra kompetenti sabiex wara li tkellem lill-minuri tistabbilixxi hux fl-ahjar interess tieghu li jibqa’ jghix m’ommu, u jekk dan ikun il-kaz ghandux jitwal il-hin ta’ l-access mal-missier, inkluz li jorqod fid-dar mieghu.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tat-18 ta’ Settembru 2003 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-7 t’Ottubru 2003 fejn ikkonfermat id-digrieti vigenti dwar kura u kustodja u access, b’dan li l-istess jigu ezercitati mill-partijiet b’eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet, u mill-bqija cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-23 ta’ Frar 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, t’ohtha Aine de Maria Casabene, t’ommha Violet Casabene, ta’ Jonathan de Maria, ta’ David M. Grech, ta’ Isabella Grech, ta’ Mark Attard u ta’ Hal J. Partridge.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti b’referenza ghall-volum kbir ta’ dokumenti esebiti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attur sabiex b’mod car u konciz jindika permezz ta’ nota l-pretensjoni tieghu, bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu ghal nota responsiva.

Rat in-noti rikjesti tal-partijiet a fol. 280 sa 288 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-8 ta’ Gunju 2004 fejn talab li l-konvenuta tigi ordnata tavza lill-iskola St. Michael’s li binha l-minuri Jan ser jibdel l-iskola peress li ntaghzel biex jattendi l-iskola privata Kattolika ta’ St. Benild.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 ta’ Gunju 2004 fejn filwaqt li ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghal risposta, awtorizzat provizorjament lill-attur jattendi ghall-laqgha ta’ familjarizzazzjoni ta’ l-istudenti flimkien mal-genituri.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Gunju 2004 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi gew maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-21 ta’ Gunju 2004, u d-digriet tat-28 ta’ Gunju fejn innominat lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez taz-zewg partijiet fi zmien tletin gurnata tirrelata dwar din it-talba.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 27 t'Awissu 2004 fejn talab li r-rapport ta' l-Agenzija Appogg ikun jista' jigi mahluf fir-Registru qabel ma tibda s-sena skolastika, halli jkun jista' jigi degretat ir-rikors tat-8 ta' Gunju 2004 li jitratta dwar l-iskola tat-tifel.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-31 t'Awissu 2004 fejn laqghet it-talba *purche'* kopja tar-rapport tigi provduta lill-partijiet.

Rat ir-rapport tas-*social worker* Markaren Galea li gie mahluf fir-Registru fis-17 ta' Settembru 2004.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-17 ta' Settembru 2004 (a fol. 299) fejn ordnat li l-minuri jibqa' jattendi l-iskola St. Michael's u li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 5 t'Ottubru 2004 fejn talab li b'referenza ghar-rapport tas-*social worker* Markaren Galea, il-Qorti tirrikonsidra d-decizjoni ta' fejn ghandu jattendi skola l-minuri Jan, peress li skond l-istess *social worker* ma taghmel l-ebda differenza, u anke ghaliex l-iskola St. Benilds hija ferma orhos.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-11 t'Ottubru 2004 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-14 t'Ottubru 2004 fejn cahdet it-talba *stante* li bl-ebda mod ma ntwera li jekk it-talba tintlaqa' kien ser jibbenefika b'xi mod il-minuri.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-28 ta' Dicembru 2004 fejn talbet lill-Qorti tipprovdi fuq access kull ghall-kazijiet meta l-minuri jkun ma jiflahx.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Dicembru 2004 fejn il-konvenuta giet ordnata tipprezenta certifikat mediku, tissuggerixxi data alternattiva u tinnotifika kollox r-rikors lill-attur li jkollu erbgha u ghoxrin siegha ghal risposta.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-30 ta’ Dicembru 2004 u r-risposta ta’ l-attur tat-18 ta’ Jannar 2005.

Rat id-digriet finali tal-Qorti tat-12 ta’ Jannar 2005 fejn laqghat it-talba limitatament biss ghall-kundizzjoni li l-access jigi sospiz kull meta l-minuri jkun certifikat minn persuna medika li ma jistax johrog ghall-access, dment li kopja guramentata tac-certifikat tigi notifikata lill-missier. F’dan il-kaz l-access jigi kkumpensat l-gimgha ta’ wara, nhar ta’ Gimgha mill-5:00 p.m. sas-7:30 p.m.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 16 ta’ Frar 2005 rigward morozita’ ta’ l-attur fil-pagamenti tal-mizata ta’ l-iskola tal-minuri, wara d-digriet moghti fis-17 ta’ Settembru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi li ma hemm l-ebda dubju li din il-koppja ma setghetx tghix aktar flimkien minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru li ghamlet il-hajja bejniethom ghal kollox impossibbli, u kawza ta’ l-istess z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jidher car li kull parti bdiet u kompliet tfittex l-interess biss taghha u mhux tal-familja. Dan ikkawza diversi konflitti bejn il-partijiet li kollox ikkolmina f’din il-kawza, fejn jidher li tezisti pika kbira u esegerata bejniethom, inkluz li sfortunatament poggew lil binhom f’nofs tista’ tghid kull argument ta’ bejniethom, kif jirrizulta wkoll mill-atti ta’ din il-kawza.

Illi dan sfortunatament johrog mix-xhieda ta’ kull parti fil-kawza fejn jidher car li z-zewg nahat huma tant animati bl-intenzjoni carissima li jaghmlu hsara lil xulxin akkost ta’ kollox. Dan huwa wkoll rifless fl-egoismu li kull parti wriet fil-konfront tal-parti l-ohra, hekk kif beda l-ewwel inkwiet bejniethom fiz-zwieg, infexxew iweggghu u joffendu lil xulxin b’mod ghal kollox inaccettabbli. Din il-pika esegerata baqghet tant li kien hemm diversi problemi

ghall-access u ghall-manteniment ta' l-istess minuri. Il-Qorti thoss li certament hemm bzonn li kull parti taddendi xi kors ta' terapija, sabiex tkun tista' tkompli bil-hajja hekk separata, bl-anqas dannu possibbli ghaliha u wkoll ghall-minuri.

Illi minhabba din l-inkompatibbilta' jidher li aktar ma ghadda z-zmien kull parti bdiet tfittex biex tiehu vantagg u xi kultant anke twegga' lill-parti l-ohra, tant li z-zewg nahat irrendew ruhhom hatja verso xulxin ta' eccessi, mohqrija, sevizzi, u ngurji gravi, li rrendew il-hajja ta' bejn il-partijiet impossibbli. Dan gie manifest anke waqt il-proceduri quddiem il-Qorti u ghaldaqstant il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici u l-ewwel talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi bhala beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti hemm il-garaxx numru 1, Fior di Maggio, Triq il-Kittien Zabbar, liema garaxx ghandu jinbiegh in subbasta u mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jitallas kull dejn li hemm fuq l-istess post mal-HSBC Bank Malta plc kostitwita b'kuntatt pubbliku fl-atti tan-Nutar Rachelle Farrugia datat 26 ta' Marzu 2002, u kull kont ta' *overdraft* ezistenti fuq l-istess ma' l-istess bank, u wara kull bilanc li jibqa' ghandu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet, liema self u *overdraft* huma ndikati fl-affidavit ta' l-attur a fol. 104 tal-process. Fil-fatt tali dejn jammonta ghal cirka s-somma ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) ghal dak li huwa self u l-*overdraft* hija ta' circa hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Illi *arbitrio boni viri* l-konvenuta qed tigi assenjata bil-karozza tal-marka Hyundai Reg. No. AA0 – 294, kif ukoll bil-vettrina zghira b'bieba wahda, sitt brazzi tal-hadid, par gandlieri tal-fidda, sett ta' sitt kuccarini tal-fidda, sitt kuccarini tal-fidda ohra, linfa tal-fondut, nofs id-*dinner, tea* u *service set* tal-porcellana; DVD tad-ditta Clatronic, *video camera*, librerija antika Maltija, nofs l-ornamenti tal-milied, *card table*, ghamara tal-kamra tas-sodda tat-tifel, l-oggetti kollha li kien hemm fil-*landing* tad-dar tas-Sliema, *main bedroom* indikata fl-lista esebita mill-attur a fol. 110 tal-

process, u l-oggetti li kien hemm fil-*living room* tad-dar matrimonjali ndikati fl-istess lista.

Illi arbitrio boni viri din il-Qorti qed tassenja lir-ragel bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti sitt brazzi, sett pozati ta' l-i*stainless steel,* nofs id-*dinner, tea* u *coffee service set* tal-porcellana, *fridge freezer* tad-ditta Rommer, *video cassette recorder* tad-ditta Philips, *camera* tad-ditta Sony, *two way radio*, kompjuter armat b'*cd writer*, nofs l-ornamenti tal-milied, *barbeque* tal-gass, rota, *chest of drawers*, mejda, kamra ta' l-ikel u siggijiet, *cooker*, u l-lista kollha (hlief xi oggetti hawn indikati) li huma elenkati taht il-lista ta' kcina fl-affidavit ta' l-attur fid-dokument immarkat bhala Dok. “JS 5” a fol. 109 tal-process, l-istudju indikat fl-istess lista a fol. 110 tal-process, l-oggetti indikati fl-i*spare bedroom* u *washroom* hlief ghall-oggetti li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta skond l-istess lista, liema oggetti ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenuta.

Illi bhala proprjeta' parafernali taghha l-attur ghandu jikkonsenja lill-konvenuta vjolin antik, bambin ta' Spanja, *aquarium* tal-hut, u xi lbies personali.

Illi dwar il-fond 55, Triq Santa Rita, Sliema jirrizulta li l-dan huwa proprjeta' parafernali ta' l-attur li pero' ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm15,861) rapprezentanti sehemha mill-assi parafernali u ntrojtu sabiex saru diversi benefikati fl-istess dar matrimonjali, li baqghet parafernali ghall-attur, inkluzi flejjes li thallsu minn omm il-konvenuta u wkoll pagamenti lill-bank ghas-self li sar fuq l-istess dar (tnax-il elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm12,621) + tliet elef, mitejn u erbghin lira Maltin (Lm3,240). Il-kontijiet tad-dawl u ilma sad-data tal-24 ta' Ottubru 2002 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li mill-istess data l-quddiem dawn ghandhom jithallsu mill-attur.

Illi huwa parafernali ghall-attur il-garaxx numru 4, (mhux ufficjali) Triq Luqa Briffa, Gzira, u wkoll *washing machine*, *microwave oven*, borom, *dehumidifier*, tapit, siggijiet, *showcase*, gwardarobba, komodina, u bjankerija.

Illi dwar kura u kustodja tal-minuri Jan, din ghandha tigi fdata f'idejn kemm l-omm u kemm il-missier, b'dan pero' li l-istess minuri ghandu jibqa' jirresjedi ma' l-omm, filwaqt li l-missier ghandu jkollu dritt ta' access ghall-istess minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-5:00 p.m. sas-7:30 p.m.  u kull nhar ta' Hadd mill-10:00 a.m. sas-6:00 p.m, b'dan li l-istess kura u kustodja u access ghandhom jigu moniterjati mill-Agenzija Appogg fl-interess tal-minuri. Dan qed jigi suggerit a spejjez taz-zewgt partijet minhabba l-incidenti li nqalghu bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza.  Din il-Qorti tordna kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenuta sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex taderixxi ruhha ma' dak hawn degretat fl-interess ta' l-istess minuri li ghal kull buon fini ghandu jingieb u jittiehed ghall-access mill-bini ta' l-Agenzija Appogg fi Gwardamangia, b'dan ukoll li kemm l-access u l-kura u kustodja ghandhom jigu ezercitati mill-genituri fl-assenza ta' persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijet.

Illi qed jigi deciz li z-zewg partijiet ghandhom jikkontribwixxu ghall-manteniment tal-minuri pero' peress li l-istess minuri ser jirrisjedi mal-konvenuta, l-omm ghandha tipprovdi ghal dak kollu li huwa necessarju ghalih, b'dan pero' li min-naha tieghu l-attur ghandu jikkontribiwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri permezz ta' pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100), u wkoll billi jaghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez ta' l-iskola u ta' sahha.  Min-naha l-ohra l-konvenuta ghandha tipprovdi lill-attur l-ircevuti relattivi.

Illi dwar manteniment ta' l-attur u tal-konvenuta jirrizulta li z-zewg partijiet ghandhom l-introjtu taghhom u minhabba dak premess din il-Qorti qed tapplika kontra kull parti d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16**, anke minhabba li huma kienu hatja tal-firda personali ta' bejniethom kif gja' fuq premess.  F'dan il-kaz il-Qorti tinnota li l-konventa ddikjarat li tahdem ghas-socjeta' Dancentre Limited, li bhala azzjonijisti ghandha lil certu Aine de Maria Casabene u Jonathan de Maria li huma familjari ta' l-istess konvenuta.  Dawn jidher li ntuzaw mill-

konvenuta sabiex tkun tista' tmexxi n-negozju taghha anke fil-mori ta' din il-kawza u ghar-ragunijiet ohrajn ovvji li gew indikati wkoll mill-attur. Jirrizulta ghalhekk li l-introjtu attwali taghha huwa fil-fatt aktar minn dak minnha dikjarat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Saliba minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, u ngurji gravi li kull parti kkommettiet ghad-dannu tal-parti l-ohra, u wkoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru li rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli tant li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, b'dan ghalhekk li din il-firda personali qed tigi ddikjarata li sehhet minhabba ragunjiet u resposabbilta' taz-zewg partijiet f'din il-kawza.

2. Tichad din it-talba b'dan pero' li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jan f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament bhala l-omm u l-missier, b'dan pero' li l-istess minuri ghandu jibqa' jirresjedi mal-konvenuta. Fl-istess waqt il-missier ghandu jkollu dritt ta' access ghal ibnu Jan kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-5:00 p.m. sas-7:30 p.m. u kull nhar ta' Hadd mill-10:00 a.m. sas-6:00 p.m. Il-Qorti, wara l-incidenti li nqalghu bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza, tordna li l-istess kura u kustodja u access ghandhom jigu moniterjati mill-Agenzija Appogg fl-interess ta' l-istess minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijet. Illi l-istess minuri ghandu jingieb u jittiehed ghal-access mill-bini ta' l-Agenzija Appogg f'Gwardamangia, b'dan ukoll li kemm l-access u l-kura u kustodja ghandhom jigu ezercitati mill-genituri fl-assenza ta' persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijet. Din il-Qorti tordna wkoll lill-attur u lill-konvenuta sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex taderixxi ruhha ma' l-istess fl-interess tal-minuri binhom.

3. Illi dwar it-tielet talba *stante* li l-minuri ser tirrisjedi ma' l-omm, hija l-istess omm li ser tikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu b'dan pero' li l-attur ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu permezz permezz ta' pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100) mensilment pagabli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-konvenuta. L-attur ghandu jikkontribwixxi wkoll ghal nofs l-ispejjez ta' l-iskola u ta' sahha, b'dan li min-naha taghha l-konvenuta ghandha tipprovdi lill-attur l-ircevuti relattivi.

4. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li din il-Qorti thoss li kull parti ghandha tigi ddikjarata li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment minghand il-parti l-ohra, u fil-fatt qed jigi applikati kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

5. Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u tillikwida u tiddividi l-istess *arbitrio boni viri* fis-sens hawn fuq indikat, b'dan illi:-

(a) Illi l-garaxx numru 1, Fior di Maggio, Triq il-Kittien Zabbar, ghandu jinbiegh in subbasta u mir-rikavat tieghu l-ewwel jitallas kull dejn li hemm fuq l-istess post ma' l-HSBC Bank Malta plc kostitwit b'kuntatt pubbliku fl-atti tan-Nutar Rachelle Farrugia datat 26 ta' Marzu 2002, u kull kont ta' *overdraft* ezistenti fuqu ma' l-istess bank. Kull bilanc li jibqa' wara ghandu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet, liema self u *overdraft* huma ndikati fl-affidavit ta' l-attur a fol. 104 tal-process. Fil-fatt tali dejn jammonta ghal cirka s-somma ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) bhala self u *overdraft* ta' cirka hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

(b) Illi qed jigu assenjati lill-konvenuta l-karozza tal-marka Hyundai Reg. No. AA0 – 294 flimkien ma' vetrina zghira b'bieba wahda, sitt brazzi tal-hadid, par gandlieri tal-fidda, sett ta' sitt kuccarini tal-fidda, sitt kuccarini tal-fidda ohra, linfa tal-fondut, nofs id-*dinner, tea* u *coffee service set* tal-porcellana; DVD tad-ditta Clatronic, *video*

*camera*, librerija antika Maltija, nofs l-ornamenti tal-milied, *card table*, ghamara tal-kamra tas-sodda tat-tifel, l-oggetti kollha li kien hemm fil-*landing* tad-dar tas-Sliema, *main bedroom* indikata fil-lista esebita mill-attur a fol. 110 tal-process, u l-oggetti kollha li kien hemm fil-*living room* tad-dar matrimonjali u ndikati fl-istess lista ta' l-attur.

(c) Illi din il-Qorti qed tassenja *arbitrio boni viri* lill-attur bhala sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti sitt brazzi, sett pozati ta' l-i*stainless steel*, nofs id-*dinner, tea* u *coffee service set* tal-porcellana, *fridge freezer* tad-ditta Rommer, *video cassette recorder* tad-ditta Philips, *camera* tad-ditta Sonny, *two way radio*, kompjuter armat b'*cd writer*, nofs l-ornamenti tal-milied, *barbeque* tal-gas, rota, *chest drawers*, mejda, kamra ta' l-ikel u siggijiet, *cooker*, u l-lista kollha (hlief xi oggetti hawn indikati) li huma ndikati taht il-lista ta' kcina fl-affidavit ta' l-attur fid-dokument immarkat bhala Dok. "JS 5" a fol. 109 tal-process, l-istudju ndikat fl-istess lista a fol. 110 tal-process, u l-oggetti indikati fl-i*spare bedroom* u *washroom* hlief ghall-oggetti li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta skond l-istess lista, li ghandhom jibqghu fil-pussess taghha.

(d) Illi mill-bqija kull parti ghandha zzomm kull oggett mobbli iehor li huwa fil-pussess taghha li mhux specifikatament indikat mod iehor f'din is-sentenza.

(e) Illi l-attur ghandu wkoll ihallas lill-konvenuta l-ammont ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm15,861) rapprezentanti sehem il-konvenuta mill-assi parafernali u ntrojtu taghha sabiex saru diversi benefikati fl-istess dar matrimonjali li baqghet parafernali ghall-attur, inkluzi ntrojtu formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u flejjes ohra li thallsu minn omm il-konvenuta u wkoll pagamenti lill-bank ghas-self li sar fuq l-istess dar (tnax-il elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm12,621) + tliet elef, mitejn u erbghin lira Maltin (Lm3,240).

(f) Illi l-kontijiet bankarji ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-partijiet, filwaqt li kull kont bankarju f'isem il-minuri ghandu jigi amministrat konguntivament bejn il-partijiet.

Illi bhala proprjeta’ parafernali din il-Qorti tordna li l-attur ghandu jikkonsenja lill-konvenuta vjolin antik, bambin ta’ Spanja, *aquarium* tal-hut, u lbies personali taghha.

(6) Illi dwar is-sitt talba attrici din il-Qorti tiddikjara li l-fond 55, Triq Santa Rita, Sliema huwa proprjeta’ parafernali ta’ l-attur pero’, kif gja’ gie ndikat a bazi tal-hames talba tac-citazzjoni attrici, l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm15,861) rapprezentanti sehem il-konvenuta mill-assi parafernali u ntrojtu taghha sabiex saru diversi benefikati fl-istess dar matrimonjali li baqghet parafernali ghall-attur, inkluzi flejjes li thallsu minn ommha u wkoll pagamenti lill-bank ghas-self li sar fuq l-istess dar kif fuq premess. Illi l-kontijiet tad-dawl u ilma sad-data tal-24 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li mill-istess data ’l quddiem dawn ghandhom jithallsu mill-attur.

Illi huwa parafernali ghall-attur l-garaxx numru 4, (mhux ufficjali) Triq Luqa Briffa, Gzira, u wkoll *washing machine*, *microwave oven*, borom, *dehumidifier*, tapit, siggijiet, *showcase*, gwardarobba, komodina, u parti mill-bjankerija.

7. Tiddikjara li l-attur ghandu d-dritt li jirrisjedi fil-fond numru 55, Triq Santa Rita, Sliema, u dan biss ghaliex huwa parafernali tieghu u tali fond m’ghandhux izjed jigi kkonsidrat bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

8. Tapplika kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-attur fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu ghall-istess kontro-talba tal-konvenuta, **tilqa’ t-talbiet attrici rikonvenzjonata biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, u ngurji gravi li kull parti kkomettiet ghad-dannu tal-parti l-ohra, u wkoll minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru li rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli tant li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, b’dan ghalhekk li din il-firda personali qed tigi ddikjarata li sehhet minhabba ragunjiet u responsabbilta’ konguntiva taz-zewg partijiet f’din il-kawza.

2. Tichad din it-talba b’dan pero’ li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jan konguntivament f’idejn iz-zewg partijiet bhala l-omm u l-missier, b’dan pero’ li l-istess minuri ghandu jibqa’ jirrisjedi m’ommu, filwaqt li l-missier ikollhu dritt ta’ access ghal ibnu minuri kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mill-5:00 p.m. sas-7:30 p.m. u kull nhar ta’ Hadd mill-10:00 a.m. sas-6:00 p.m. Il-Qorti tordna li minhabba l-incidenti li nqalghu bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza, l-istess kura u kustodja u access ghandhom jigu moniterjati mill-Agenzija Appogg fl-interess tal-minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijet. Din il-Qorti tordna wkoll liz-zewg partijiet sabiex jinnotifikaw koppja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex din taderixxi ruhha ma’ l-istess fl-interess tal-minuri li ghandu jingieb u jittiehed ghal-access mill-bini ta’ l-Agenzija Appogg fi Gwardamangia, b’dan ukoll li kemm l-access u l-kura u kustodja ghandhom jigu ezercitati mill-genituri fl-assenza ta’ persuni tas-sess oppost li m’humiex parti mill-familja rispettiva taghhom.

3. Illi dwar it-tielet talba *stante* li l-minuri ser jirrisjedi ma’ l-omm, hija l-istess omm li ser tikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu b’dan pero’ li attur ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ ibnu permezz permezz ta’ pagament ta’ mitt lira Maltin (Lm100) mensilment pagabli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal- konvenuta u ghandu wkoll jikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjez ta’ l-iskola u ta’ sahha, b’dan li min-naha taghha l-konvenuta ghandha tipprovdilu l-iricevuti relattivi.

4. Tichad din it-talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha kemm ghaliex l-istess konvenuta ghandha ntrojtu taghha, kif ukoll ghaliex qed jigu applikati kontra taghha d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

5. Tilqa’ din il-hames talba tal-kontro-talba tal-konvenuta u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u tillikwida u tiddividi l-istess *arbitro boni viri* fis-sens hawn fuq indikat, b’dan illi:-

(a) Illi l-garaxx numru 1, Fior di Maggio, Triq il-Kittien Zabbar, ghandu jinbiegh in subbasta u mir-rikavat ta’ l-istess l-ewwel titallas kull dejn li hemm fuq l-istess post mal-HSBC Bank Malta plc kostitwit b’kuntatt pubbliku fl-atti tan-Nutar Rachelle Farrugia datat 26 ta’ Marzu 2002 u kull kont ta’ *overdraft* ezistenti fuq l-istess ma’ l-istess bank. Kull bilanc li jibqa’ ghandu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet, liema self u *overdraft* huma ndikati fl-affidavit ta’ l-attur a fol. 104 tal-process. Fil-fatt tali dejn jammonta ghal cirka s-somma ta’ sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) ghal dak li huwa self, filwaqt li l-overdraft hija ta’ cirka hamest-elef lira Maltin (Lm5,000).

(b) Illi qed jigu assenjati lill-konvenuta l-karozza tal-marka Hyundai Reg. No. AA0 – 294 flimkien ma’ vetrina zghira b’bieba wahda, sitt brazzi tal-hadid, par gandlieri tal-fidda, sett ta’ sitt kuccarini tal-fidda, sitt kuccarini tal-fidda ohra, linfa tal-fondut, nofs id-dinner, *tea* u *coffee service set* tal-porcellana, DVD tad-ditta Clatronic, *video camera*, librerija antika Maltija, nofs l-ornamenti tal-milied, *card table*, ghamara tal-kamra tas-sodda tat-tifel, l-oggetti kollha li kien hemm fil-*landing* tad-dar tas-Sliema, *main bedroom* indikati fil-lista esebita mill-attur a fol. 110 tal-process, l-oggetti kollha li kien hemm fil-living room tad-dar matrimonjali u ndikati fl-istess lista ta’ l-attur.

(c) Illi din il-Qorti qed tassenja *arbitrio boni viri* lill-attur bhala sehmu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti sitt brazzi, sett pozati ta’ l-i*stainless steel*, nofs id-*dinner, tea* u *coffee service set* tal-porcellana, *fridge freezer* tad-ditta Rommer, *video cassette recorder* tad-ditta Philips, *camera* tad-ditta

Sony, *two way radio*, kompjuter armat b'*cd writer*, nofs l-ornamenti tal-milied, *barbeque* tal-gas, rota, *chest drawers*, mejda, kamra ta' l-ikel u siggijiet, *cooker*, u l-lista kollha (hlief xi oggetti hawn indikati) li huma ndikati taht il-lista ta' kcina fl-affidavit ta' l-attur fid-dokument immarkat bhala Dok. "JS 5" a fol. 109 tal-process, l-istudju ndikat fl-istess lista a fol. 110 tal-process, l-oggetti ndikati fl-*ispare bedroom* u *washroom* hlief ghall-oggetti li jinsabu fil-pussess tal-konvenuta skond l-istess lista, li ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenuta.

(d) Illi mill bqija kull parti ghandha zzomm kull oggett mobbli iehor li huwa fil-pussess taghha li mhux specifikatament indikat mod iehor f'din is-sentenza.

(e) Illi l-attur ghandu wkoll ihallas lill-konvenuta l-ammont ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm15,861) rapprezentanti sehem l-konvenuta mill-assi parafernali u ntrojtu taghha sabiex saru diversi benefikati fl-istess dar matrimonjali li baqghet parafernali ghall-attur, inkluzi ntrojtu formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u flejjes ohra li thallsu minn omm l-konvenuta u wkoll pagamenti lill-bank ghas-self li sar fuq l-istess dar (tnax-il elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm12,621) + tliet elef, mitejn u erbghin lira Maltin (Lm3,240).

(f) Illi l-kontijiet bankarji ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-partijiet, filwaqt li kull kont bankarju f'isem il-minuri ghandu jigi amministrat konguntivament bejn il-partijiet.

6. Tilqa' din is-sitt talba tal-kontro-talba tal-konvenuta b'dan illi tordna li l-attur ghandu jikkonsenjalha vjolin antik, bambin ta' Spanja, *aquarium* tal-hut, u lbies personali taghha, u dan salv gja' dak deciz.

Din il-Qorti tiddikjara wkoll li l-fond 55, Triq Santa Rita, Sliema huwa proprjeta' parafernali ta' l-attur pero', kif gja' gie ndikat a bazi tal-hames talba tac-citazzjoni attrici, l-istess attur ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm15,861) rapprezentanti sehemha mill-assi parafernali u ntrojtu taghha sabiex saru diversi benefikati fl-istess dar

matrimonjali li baqghet parafernali tieghu, inkluzi flejjes li thallsu minn omm il-konvenuta kif wkoll pagamenti lill-bank ghas-self li sar fuq l-istess dar kif fuq premess. Illi l-kontijiet tad-dawl u ilma sad-data tal-24 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li mill-istess data ’l quddiem dawn ghandhom jithallsu mill-attur.

Illi huwa parafernali ghall-attur il-garaxx numru 4, (mhux ufficjali) Triq Luqa Briffa, Gzira, u wkoll *washing machine*, *microwave oven*, borom, *dehumidifier*, tapit, siggijiet, *showcase*, gwardarobba, komodina, u parti mill-bjankerija.

7. Tichad din is-seba’ talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

8. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-effetti kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta)**.

9. Tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha.

10. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet ressqu l-provi taghhom, minn kif rregolaw il-gbir tal-provi, minhabba n-nuqqas ta’ kull parti f’din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, u kif ukoll minhabba li dan gara minhabba l-pika estrema ta’ kull parti f’din il-kawza anke dwar kwistjonijiet dwar it-tifel tal-kontendenti, din il-Qorti b’applikazzjoni *tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta*** tordna liz-zewg partijiet ihallsu s-somma ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) <u>kull wiehed</u> bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas

ghandu jsir miz-zewg partijiet fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------